MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2010

Talba Numru. 533/2010

**Intercomp Marketing Limited – C20612**

**vs**

**Vincenza Attard – ID-588938M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 ta' April tas-sena 2010 fejn intalab sabiex il-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elfejn erba' mija u wiehed u sebghin ewro (€2,471) rapprezentanti ammont li kien dovut in konnessjoni ma' *computer hardware* mixtri minn ghand is-socjeta` attrici kif jirrizulta minn dokumenti anness u mmarkati Dok "A", "B", "C" u "D", bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-konsenja u cioe` mit- 23 ta' Dicembru 2009 kontra l-konvenuta ingunta in subizzjoni.

Ra illi l-konvenuta ghalkemm legalment notifikata baqghet ma pprezentat l-ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici. Sema’ lil PL Noel Scerri jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub kien ghadu dovut sal-gurnata tallum peress illi ma sar l-ebda pagamenti fil-mori ta’ dawn il-proceduri.

Ezamina d-dokumenti esebiti.

Innota ukoll illi l-konvenut ghalkemm imsejha diversi drabi baqghet ma dehritx

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa’ it-talba attrici, konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta Vincenza Attard sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma mitluba ta’ elfejn erba’ mija u wiehed u sebghin ewro (€2,471) bl-imghax legali dekorribbli mit-23 ta’ Dicembru 2009 kif mitlub u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------